Din hija proviżorja u tista' tintuża biss wara li tiġi trasferita għall-intestaturi xierqa ta' dan il-kapitolu.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 65 u l-Anness XI tagħhom.

## KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

### Figuri

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011	2011/2013
1 4	PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI					
<b>1 4 0</b>	<b>Aġenti oħra u ħaddiema esterni</b>					
1 4 0 0	Aġenti oħra	5.11	38 500 000	36 848 800	30 538 390,72	79,32 %
1 4 0 2	Interpreti għall-konferenzi	5.11	53 000 000	53 000 000	56 964 283,06	107,48 %
1 4 0 4	Apprentistati, għotjiet u skambji ta' uffiċjali	5.11	8 097 950	7 961 520	5 973 048,23	73,76 %
1 4 0 6	Osservaturi	5.11	447 449	1 200 000	0,—	
	<i>Artikolu 1 4 0 — Sub-total</i>		100 045 399	99 010 320	93 475 722,01	93,43 %
<b>1 4 2</b>	<b>Servizzi Esterni</b>					
1 4 2 0	Servizzi Esterni	5.11	15 800 000	13 370 000	24 987 456,20	158,15 %
1 4 2 2	Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistik	5.11	374 000	383 000	336 918,62	90,09 %
	<i>Artikolu 1 4 2 — Sub-total</i>		16 174 000	13 753 000	25 324 374,82	156,57 %
<b>1 4 4</b>	<b>Appropriazzjoni proviżorja</b>	5.11	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Kapitolu 1 4 — Total</b>		<b>116 219 399</b>	<b>112 763 320</b>	<b>118 800 096,83</b>	<b>102,22 %</b>

## Artikolu 140 — Aġenti oħra u ħaddiema esterni

### Partita 1400 — Aġenti oħra

#### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
38 500 000	36 848 800	30 538 390,72

#### Kummenti

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba l-aktar biex tkopri l-ispejjeż li ġejjin:

- il-pagi, l-appropriazzjonijiet u l-allowances inklużi, tal-aġenti l-oħra, b'mod partikolari aġenti kuntrattwali, lokali, konsulenti speċjali (skont it-tifsira tal-Kondizzjonijiet ta' Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea), il-ħlasijiet ta' min iħaddem għall-iskemi differenti ta' sigurtà soċjali kif ukoll l-impatt tal-koefiċenti korrettiv applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dawn l-aġenti,
- l-impjeg ta' staff temporanju (acting).

Parti mill-appropriazzjonijiet għandha tiġi użata għar-reklutaġġ tal-persunal b'diżabilità bil-kuntratt u b'kompetenza fid-drittijiet marbuta mad-diżabilità u l-politika ta' kontra d-diskriminazzjoni, u timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni 2009-2013 għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità fis-Segretarjat tal-PE adottat mill-Bureau (PE413.568/BUR) b'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'modpartikolari l-Artikolu 26 tagħha, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Se jitfassal rapport annwali dwar l-użu tal-appropriazzjonijiet għal dan l-iskop.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 3 500.

### Partita 1402 — Interpreti għall-konferenzi

#### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
53 000 000	53 000 000	56 964 283,06

#### Kummenti

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Konvenzjoni dwar l-interpreti awżiljarji tal-konferenzi.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż li ġejjin fil-qafas tal-koperazzjoni interistituzzjonali:

- ir-remunerazzjoni, il-kontribuzzjonijiet soċjali, l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u l-allowances ta' soġġorn tal-interpreti awżiljarji tal-konferenzi li jkunu msejħa mill-Parlament għal laqgħat organizzati mill-Parlament jew minn istituzzjonijiet oħra, f'każijiet fejn is-servizzi meħtieġa ma jkunux jistgħu jingħataw mill-interpreti li huma uffiċjali jew temporanji,
- l-ispejjeż ta' operaturi, staff tekniku u persuni responsabbli mill-immaniġġjar tal-konferenzi għal-laqgħat imsemmija hawn fuq, f'każijiet fejn is-servizzi meħtieġa ma jkunux jistgħu jingħataw minn uffiċjalim aġenti temporanji jew aġenti oħra tal-Parlament,
- is-servizzi mogħti lill-Parlament minn interpreti uffiċjali jew temporanji ta' istituzzjonijiet oħra,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowances ta' sussistenza marbuta mas-servizzi pprovduti lill-Parlament fil-kuntest tal-koperazzjoni internazzjonali minn interpreti li huma membri tal-istaff ta' istituzzjonijiet internazzjonali,
- l-attivitajiet ta' koperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 200 000.

## Partita 1 4 0 4 — Apprendistati, għotjiet u skambji ta' uffiċjali

### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
8 097 950	7 961 520	5 973 048,23

### Kummenti

Regolament li jirregola t-tqegħid ta' uffiċjali tal-Parlament u membri temporanji tal-persunal tal-gruppi politiċi għad-dispożizzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, organi assimilati ma' dawn l-awtoritajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet internazzjonali (Deċiżjoni tal-Bureau tas-7 ta' Marzu 2005).

Regoli interni dwar apprendistati u żjarat ta' studju mas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew (Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Frar 2006).

Regolament dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali mal-Parlament Ewropew (Deċiżjoni tal-Bureau tal-4 ta' Mejju 2009).

Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri:

- allowance u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-bidu u tat-tmiem tat-taħriġ prattiku għall-apprendisti,
- l-ispejjeż għall-assikurazzjoni tar-riskji tal-inċidenti u ta' mard għall-apprendisti waqt l-apprendistat,
- l-ispejjeż marbuta mad-disponibilità tal-istaff bejn il-Parlament u s-settur pubbliku tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi oħra, speċifikati fir-regolament,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-issekondar ta' esperti nazzjonali mal-Parlament Ewropew,
- l-organizzazzjoni ta' skemi ta' taħriġ ta' interpreti tal-konferenzi u ta' tradutturi, speċjalment b'kollaborazzjoni mal-iskejjel tal-interpreti u universitajiet li joffru taħriġ fit-traduzzjoni, kif ukoll l-għoti ta' boroż ta' studju għat-taħriġ u għat-taħriġ professjonali avanzat tal-interpreti u t-tradutturi, ix-xiri ta' materjal għat-tagħlim u spejjeż oħra relatati,
- in-nefġiet supplimentari tal-apprendisti tal-programm pilota ta' apprendistati għall-persuni b'diżabilità li huma marbuta b'mod dirett mad-diżabilità tagħhom, b'mod konformi tal-Artikolu 20 (8), tar-regoli interni rigward l-apprendistati u ż-żjarat għall-istudju fis-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

It-total tad-dħul skont l-Artikolu 18, paragrafu 1, punt (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq EUR 5 000.

## Partita 1 4 0 6 — Osservaturi

### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
447 449	1 200 000	0,—

### Kummenti

L-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-osservaturi, f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

## Artikolu 1 4 2 — *Servizzi Esterni*

### Partita 1 4 2 0 — *Servizzi Esterni*

#### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
15 800 000	13 370 000	24 987 456,20

### Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi ta' traduzzjoni, ta' ttajpjar, ta' kodifikazzjoni u ta' assistenza teknika li

jitwettqu minn partijiet terzi.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 200 000.

#### Partita 1 4 2 2 — Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku

*Figuri*

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
374 000	383 000	336 918,62

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intiża biex tkopri:

- l-ispejjeż konnessi mal-azzjonijiet deċiżi mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u tal-Interpretazzjoni (CITI), intiżi sabiex jipromwovu l-koperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku;
- il-pubblikazzjonijiet, l-attivitajiet ta' informazzjoni, ir-relazzjonijiet pubbliċi, il-parteċipazzjoni fil-manifestazzjonijiet pubbliċi, fil-wirjiet u fil-fieri tal-lingwi.

#### Artikolu 1 4 4 — Approprijazzjoni proviżorja

*Figuri*

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprijazzjoni hija proviżorja u tista' tintuża biss wara li tiġi trasferita għall-intestaturi xierqa ta' dan il-kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAHD MU FL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011	2011/2013
1 6	INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAHD MU FL-ISTITUZZJONI					
<b>1 6 1</b>	<b><i>Nefqiet relatati mal-amministrazzjoni tal-istaff</i></b>					
1 6 1 0	Spejjeż għar-reklutaġġ	5.11	378 850	402 775	270 000,00	71,27 %
1 6 1 2	Taħriġ Ulterjuri	5.11	4 750 000	4 400 000	3 913 224,64	82,38 %
	<i>Artikolu 1 6 1 — Sub-total</i>		5 128 850	4 802 775	4 183 224,64	81,56 %
<b>1 6 3</b>	<b><i>Miżuri sabiex jiġi assistit il-persunal tal-istituzzjoni</i></b>					
1 6 3 0	Servizzi Soċjali	5.11	718 000	711 500	544 095,05	75,78 %
1 6 3 1	Mobilità	5.11	1 000 000	996 000	512 344,98	51,23 %
1 6 3 2	Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-istaff u miżuri soċjali oħra	5.11	305 000	310 400	293 375,68	96,19 %
	<i>Artikolu 1 6 3 — Sub-total</i>		2 023 000	2 017 900	1 349 815,71	66,72 %
<b>1 6 5</b>	<b><i>Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni</i></b>					

1 6 5 0	Servizzi mediċi	5.11	1 285 000	1 135 000	1 006 583,27	78,33 %
1 6 5 2	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins	5.11	3 960 000	3 960 000	2 600 000,00	65,66 %
1 6 5 4	Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati	5.11	6 683 000	6 010 775	5 350 000,00	80,05 %
	<i>Artikolu 1 6 5 — Sub-total</i>		11 928 000	11 105 775	8 956 583,27	75,09 %
	<b>Kapitolu 1 6 — Total</b>		<b>19 079 850</b>	<b>17 926 450</b>	<b>14 489 623,62</b>	<b>75,94 %</b>

### *Artikolu 1 6 1 — Nefqiet relatat mal-amministrazzjoni tal-istaff*

#### Partita 1 6 1 0 — Spejjeż għar-reklutaġġ

##### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Otturm 2011
378 850	402 775	270 000,00

##### *Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Regġuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-segretarji ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Regġuni u tar-rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE, kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' soġġorn tal-kandidati f'każ ta' intervisti u ta' visti mediċi qabel ma dawn jiġu impjegati,
- l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' proċeduri tal-għażla tal-istaff.

F'każijiet motivati b'mod xieraq minn ħtiġijiet funzjonali u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal, din l-appropriazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nnifisha.

#### Partita 1 6 1 2 — Taħriġ Ulterjuri

##### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Otturm 2011
4 750 000	4 400 000	3 913 224,64

##### *Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ biex jittejjbu l-ħiliet tal-persunal u r-rendiment u l-effiċjenza tal-istituzzjoni, eż. permezz ta' korsijiet tal-lingwi għall-lingwi uffiċjali ta' ħidma.

## Artikolu 1 6 3 — Miżuri sabiex jiġi assistit il-persunal tal-istituzzjoni

### Partita 1 6 3 0 — Servizzi Soċjali

#### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
718 000	711 500	544 095,05

#### Kummenti

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 76 tagħhom.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— fil-qafas ta' politika interistituzzjonali favur persuni b' diżabilità li jiffurmaw parti mill-kategoriji lil ġejjin:

- uffiċjali u aġenti temporarji f' impjieg attiv,
- is-sħab ta' uffiċjali u ta' aġenti temporarji f' impjieg attiv,
- tfal dipendenti fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ir-rimborż, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli fil-baġit u wara li jkunu intużaw l-intitolamenti nazzjonali fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini, ta' spejjeż mhux mediċi, li jkunu rikonoxxuti bħala neċessarji bħala riżultat tad-diżabbiltà u li jkunu ġustifikati kif xieraq u mhux rimborżati mill-iskema komuni tal-assikurazzjoni tal-mard,

— miżuri favur uffiċjali u aġenti li jinsabu f' qagħda partikularment diffiċli,

— l-iffinanzjar ta' għotja għall-kumitat għall-persunal u għal infiq inċidentali tas-Servizzi Soċjali. Il-kontribuzzjonijiet jew il-ħlas tal-ispejjeż mill-Kumitat għall-Persunal għal parteċipanti f'attivitajiet ta' assistenza soċjali se jkollhom l-għan li jiffinanzjaw attivitajiet li għandhom dimensjoni soċjali, kulturali jew lingwistika iżda mhu se jkun hemm l-ebda sussidji għal membri tal-persunal jew familji individwali.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 8 000.

### Partita 1 6 3 1 — Mobilità

#### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
1 000 000	996 000	512 344,98

#### Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-infiq relatat mal-mobilità fil-bosta postijiet tax-xogħol.

### Partita 1 6 3 2 — Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-istaff u miżuri soċjali oħra

#### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
305 000	310 400	293 375,68

#### Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex ttejjeg u tagħti appoġġ finanzjarju lil skemi għall-promozzjoni tal-kuntatti soċjali bejn l-istaff ta' nazzjonalitajiet differenti, bħal per eżempju sussidji għal klabbs, assoċjazzjonijiet, attivitajiet kulturali tal-istaff, kif ukoll biex issir kontribuzzjoni lejn l-infiq relatat ma' ċentru permanenti fejn persuni jiltaqgħu fil-ħin liberu tagħhom (attivitajiet kulturali u sportivi, faċilitajiet tal-ikel, eċċ.).

Hija tkopri wkoll il-parteċipazzjoni finanzjarja fl-attivitajiet soċjali interistituzzjonali.



L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 800 000.

### **Artikolu 1 6 5 — Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni**

#### **Partita 1 6 5 0 — Servizzi mediċi**

##### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
1 285 000	1 135 000	1 006 583,27

##### *Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikoli 8 tal-Anness II tagħhom.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-operat tal-klinika fit-tliet postijiet tax-xogħol, li tinkludi x-xiri ta' materjal, ta' prodotti farmaċewtiċi, eċċ., l-ispejjeż marbuta mal-eżamijiet mediċi ta' prevenzjoni, l-ispejjeż ikkawżati mill-operat tal-kumitat tal-invalidità, kif ukoll l-ispejjeż marbuta ma' servizzi esterni mogħtija minn speċjalisti mediċi li jkunu meqjusa neċessarji mit-tobba konsulenti.

Hija tkopri wkoll l-ispejjeż għax-xiri ta' xi apparat li jkun meqjus neċessarju fil-qasam mediku, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-istaff mediku jew paramediku fl-iskema tal-għoti tas-servizzi jew ma' sostituti temporanji ta' membri tal-istaff mediku.

#### **Partita 1 6 5 2 — Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins**

##### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
3 960 000	3 960 000	2 600 000,00

##### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-ġestjoni u l-operat tar-ristoranti u tal-kantins.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 2 000 000.

#### **Partita 1 6 5 4 — Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati**

##### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
6 683 000	6 010 775	5 350 000,00

##### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sehem tal-Parlament tal-ispejjeż għaċ-ċentri għat-tfal żgħar u l-iskejjel materni esterni li magħhom ikun hemm ftehim.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju li ġej mill-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri huwa stmat li hu ta' EUR 2 200 000.

## TITOLU 2 — BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NEFQIET VARJI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV

Figuri

Titolu Kapitolu	Intestatura	FF	Baġit 2013	Approprjazzjonijiet 2012	Outturn 2011
2 0	BINI U NEFQIET RELATATI	5	214 295 000	210 520 856	195 529 891,02
	10 0			2 000 000 212 520 856	
2 1	PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA	5	130 488 500	129 855 624	117 290 772,48
2 3	IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI	5	14 632 000	14 570 000	9 652 196,91
	<b>Titolu 2 — Total</b>		<b>359 415 500</b>	<b>354 946 480</b>	<b>322 472 860,41</b>
	10 0			2 000 000 356 946 480	
	<b>Total + riżerva</b>				

Kummenti

Billi l-kumpaniji tal-assikurazzjoni m'għadhomx ikopru r-riskju ta' kunflitti industrijali u ta' attentati terroristiċi li għalihom huma esposti l-binjiet tal-Parlament Ewropew, dan għandu jkun kopert mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, l-appropriazzjonijiet stipulati f'dan it-titolu jkopru l-infiq kollu rigward ħsarat ikkawżati mill-kunflitti tax-xogħol u mill-attentati terroristiċi.

### KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Figuri

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2013	Approprjazzjonijiet 2012	Outturn 2011	2011/2013
2 0	BINI U NEFQIET RELATATI					
<b>2 0 0</b>	<b>Bini</b>					
2 0 0 0	Kirjiet	5.11	33 032 000	34 131 999	29 166 071,76	88,30 %
2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus	5.11	16 141 000	25 910 000	3 867 436,60	23,96 %
2 0 0 3	Akkwist ta' bini	5.11	p.m.	p.m.	31 412 520,24	
2 0 0 5	Il-kostruzzjoni ta' bini	5.11	7 213 000	6 995 000	5 177 752,52	71,78 %
2 0 0 7	Sistemazzjoni fil-bini	5.11	39 459 000	33 625 000	23 514 945,21	59,59 %
	10 0			2 000 000 35 625 000		
2 0 0 8	Ġestjoni tal-proprjetà speċifika	5.11	4 210 000	5 100 000	2 849 962,76	67,70 %
	<i>Artikolu 2 0 0 — Sub-total</i>		100 055 000	105 761 999	95 988 689,09	95,94 %
	10 0			2 000 000 107 761 999		
<b>2 0 2</b>	<b>In-nefqa fuq il-bini</b>					
2 0 2 2	Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini	5.11	57 264 000	46 965 000	43 815 032,50	76,51 %
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	5.11	18 975 000	18 435 000	18 590 859,49	97,98 %
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	5.11	37 010 000	38 405 857	36 279 709,90	98,03 %
2 0 2 8	Assikurazzjoni	5.11	991 000	953 000	855 600,04	86,34 %
	<i>Artikolu 2 0 2 — Sub-total</i>		114 240 000	104 758 857	99 541 201,93	87,13 %
	<b>Kapitolu 2 0 — Total</b>		<b>214 295 000</b>	<b>210 520 856</b>	<b>195 529 891,02</b>	<b>91,24 %</b>
	10 0			2 000 000 212 520 856		
	<b>Total + riżerva</b>					

## Artikolu 2 0 0 — Bini

### Partita 2 0 0 0 — Kirjiet

#### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
33 032 000	34 131 999	29 166 071,76

#### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kirjiet marbuta ma' bini jew partijiet ta' bini okkupati mill-istituzzjoni.

Hija tkopri wkoll it-taxxi marbuta ma' dawn il-binjiet. Il-kirjiet jiġu kkalkulati fuq tmax-il xahar u fuq il-bażi ta' kuntratti eżistenti jew li qed jiġthajew, li normalment jistipulaw indiċi fuq l-għoli tal-ħajja jew fuq il-prezz tal-bini.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 500 000.

### Partita 2 0 0 1 — Ħlasijiet ta' ċnus

#### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
16 141 000	25 910 000	3 867 436,60

#### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet ta' ċnus marbuta ma' bini jew ma' partijiet ta' bini koperti minn kuntratti li jinsabu fis-seħħ jew kuntratti li qed jiġthajew.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 100 000.

### Partita 2 0 0 3 — Akkwist ta' bini

#### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
p.m.	p.m.	31 412 520,24

#### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' bini. Is-sussidji li jikkonċernaw l-artijiet u l-vijabilità tagħhom għandhom jiġu ttrattati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 100 000.

### Partita 2 0 0 5 — Il-kostruzzjoni ta' bini

#### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
7 213 000	6 995 000	5 177 752,52

#### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tilqa' r-reġistrazzjoni eventwali ta' approprijazzjoni għall-kostruzzjoni ta' bini.

## Partita 2 0 0 7 — Sistemazzjoni fil-bini

### Figuri

	Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
2 0 0 7	39 459 000	33 625 000	23 514 945,21
10 0		2 000 000	
Total	39 459 000	35 625 000	23 514 945,21

### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' sistemazzjoni kif ukoll inġenierar marbut ma' dawn is-sistemazzjonijiet, b'mod partikulari l-ispejjeż għall-periti u għall-inġiniera, eċċ.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 500 000.

## Partita 2 0 0 8 — Ġestjoni tal-proprjetà speċifika

### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
4 210 000	5 100 000	2 849 962,76

### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż f'dik li hi ġestjoni tal-proprjetà immobbli bini li mhumiex speċifikament previsti f'Artikoli oħra ta' dan il-kapitolu, speċjalment għal:

- il-ġestjoni u t-trattament tal-iskart,
- l-ispezzjonijiet obbligatorji, spezzjonijiet tal-kwalità, perizji, verifikar, sorveljanza tal-konformità, eċċ.,
- il-librerija teknika,
- l-assistenza għall-ġestjoni (Helpdesk tal-Bini),
- l-immaniġġjar tal-pjanti tal-bini u tal-midja li jappoġġaw id-dejta,
- l-ispejjeż l-oħra.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 10 000.

## Artikolu 2 0 2 — In-nefqa fuq il-bini

### Partita 2 0 2 2 — Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini

#### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
57 264 000	46 965 000	43 815 032,50

### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni, żamma, operat u tindif, skont il-kuntratti fis-seħħ, tal-bini (il-lokijiet u t-tagħmir tekniku) okkupat, b'kiri jew bi sjieda, mill-Parlament Ewropew.

Qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni tal-kuntratti, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali (il-prezz, il-munita magħżula, l-indiċi, it-tul ta' żmien u klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda mill-istituzzjonijiet u b'konformità mal-Artikolu 91(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 75 000.

## Partita 2 0 2 4 — Konsum tal-enerġija

### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
18 975 000	18 435 000	18 590 859,49

### Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba b' mod partikulari biex tkopri l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tat-tisħin. L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 82 000.

## Partita 2 0 2 6 — Sigurtà u sorveljanza tal-bini

### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
37 010 000	38 405 857	36 279 709,90

### Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri l-ispejjeż tal-għassa u tas-sorveljanza tal-bini okkupat mill-Parlament fit-tliet postijiet abitwali ta' xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-uffiċċji fil-pajjiżi terzi.

Qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni tal-kuntratti, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali (il-prezz, il-munita magħżula, l-indiċi, it-tul ta' żmien u klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda mill-istituzzjonijiet u b'konformità mal-Artikolu 91(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 120 000.

## Partita 2 0 2 8 — Assikurazzjoni

### Figuri

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
991 000	953 000	855 600,04

### Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' primjums tal-assikurazzjoni.

## KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA

### Figuri

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011	2011/2013
2 1	PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA					
2 1 0	<b>L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet</b>					
2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	5.11	33 016 000	37 392 000	32 309 241,22	97,86 %
2 1 0 2	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	5.11	68 587 000	62 933 000	60 263 388,49	87,86 %
	<i>Artikolu 2 1 0 — Sub-total</i>		101 603 000	100 325 000	92 572 629,71	91,11 %
2 1 2	<b>Għamara</b>	5.11	3 232 500	3 277 500	3 140 618,19	97,16 %
2 1 4	<b>Materjal u installazzjonijiet tekniċi</b>	5.11	19 585 000	19 983 124	15 734 462,75	80,34 %
2 1 6	<b>Vetturi</b>	5.11	6 068 000	6 270 000	5 843 061,83	96,29 %
	<b>Kapitolu 2 1 — Total</b>		<b>130 488 500</b>	<b>129 855 624</b>	<b>117 290 772,48</b>	<b>89,89 %</b>

### *Kummenti*

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

## **Artikolu 2 1 0 — L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet**

### Partita 2 1 0 0 — Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni

#### *Figuri*

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
33 016 000	37 392 000	32 309 241,22

### *Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u l-manutenzjoni ta' materjal u ta' softwer għall-istituzzjoni u għax-xogħlijiet relatati. Dan il-materjal u dan is-softwer jikkonċerna b'mod partikulari s-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni, l-informatika fil-livell tad-dipartimenti u tal-gruppi politiċi, kif ukoll il-votazzjoni elettronika.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 152 000.

### Partita 2 1 0 2 — Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni

#### *Figuri*

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
68 587 000	62 933 000	60 263 388,49

### *Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-assistenza li kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenza rigward l-informatika, għat-tħaddim ta' ċentru tal-informatika u tan-netwerk, għall-produzzjoni u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet, għall-assistenza għall-utenti, inklużi Membri Parlamentari u l-gruppi politiċi, għat-twettiq ta' studji, u għat-tfassil u għall-input ta' dokumentazzjoni teknika.

Hija wkoll maħsuba biex tkopri s-sehem tal-Parlament għan-nefġiet tal-Help Desk NAP (applikazzjoni ġdida ta' ħlas) imwaqqfa permezz ta' ftehim komuni bejn l-istituzzjonijiet.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 458 000.

## **Artikolu 2 1 2 — Għamara**

#### *Figuri*

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
3 232 500	3 277 500	3 140 618,19

### *Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' għamara, b'mod partikulari x-xiri ta' għamara ergonomika tal-uffiċini, is-sostituzzjoni ta' għamara antikwata u bla użu kif ukoll magni tal-uffiċini. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż differenti ta' ġestjoni tal-beni mobbli tal-istituzzjoni.

Rigward ix-xogħlijiet tal-arti, din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri kemm in-nefqa għall-akkwist u n-nefqa għax-xiri ta' materjal speċifiku, kif ukoll l-ispejjeż kurrenti marbuta magħhom, bħall-ispejjeż għal konsulenza, konservazzjoni, gwarniċi, restawr, tindif u assikurazzjoni, kif ukoll spejjeż għat-trasport okkażjonali.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.

## Artikolu 2 1 4 — Materjal u installazzjonijiet tekniċi

### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
19 585 000	19 983 124	15 734 462,75

### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba għax-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi kif ukoll għall-ġestjoni tagħhom, b'mod partikulari:

- bosta tipi ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi, fissi jew mobbli, marbuta mal-publikazzjoni, is-sigurtà, ir-restawr, il-bini, eċċ.,
- tagħmir, b'mod partikulari tat-tipografija, tas-servizz tat-telefown, tal-kantins, tal-ħwienet, tas-sigurtà, tas-servizz tekniku tal-konferenzi, tas-settur awdjoviżiv, eċċ.,
- materjal speċjali (elettroniku, informatiku, elettriku) flimkien mas-servizzi esterni relatati,
- taż-żewġ linji tat-telefown supplimentari li, fuq talba, iridu jiġu installati fl-uffiċini tal-Membri.

Din l-approprijazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż għar-rikliamar għall-bejgħ mill-ġdid u għall-iskrappjar ta' oġġetti li m'għadhomx jaħdmu. L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 205 000.

## Artikolu 2 1 6 — Vetturi

### Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
6 068 000	6 270 000	5 843 061,83

### Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, iż-żamma, l-użu u t-tiswija ta' vetturi (il-flotta tal-karozzi u tar-roti) u l-kiri ta' vetturi, taksis, kowċis u trakkijiet, b'sewwieq jew mingħajru, inkluża l-assikurazzjoni li tikkorrespondi ma' dawn u spejjeż oħra ta' ġestjoni. Meta tiġġedded il-flotta tal-karozzi u meta jinxtrow jew jinkrew il-vetturi, tingħata preferenza għall-vetturi li l-inqas iħammġu, bħall-vetturi ibridi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 175 000.

## KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI

### Figuri

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011	2011/2013
2 3	IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI					
2 3 0	<i>Kanċellerija, provvisti għall-uffiċju u oġġetti għall-konsum diversi</i>	5.11	2 339 500	2 608 000	1 904 200,70	81,39 %
2 3 1	<i>Tariffi finanzjarji</i>	5.11	75 000	170 000	324 549,04	432,73 %
2 3 2	<i>Spejjeż legali u ħsarat</i>	5.11	1 714 000	1 314 000	1 316 614,30	76,82 %
2 3 5	<i>Telekomunikazzjoni</i>	5.11	7 421 000	7 441 000	4 612 355,49	62,15 %
2 3 6	<i>Servizzi postali u ta' ġarr</i>	5.11	357 000	352 500	269 919,69	75,61 %
2 3 7	<i>Rilokazzjonijiet</i>	5.11	1 100 000	950 000	686 445,84	62,40 %
2 3 8	<i>Nefqiet amministrattivi oħra</i>	5.11	561 500	784 500	538 111,85	95,83 %
2 3 9	<i>Skema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju</i>	5.11	1 064 000	950 000		
	<b>Kapitolu 2 3 — Total</b>		<b>14 632 000</b>	<b>14 570 000</b>	<b>9 652 196,91</b>	<b>65,97 %</b>

### *Kummenti*

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

### **Artikolu 2 3 0 — Kanċellerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi**

#### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Otturm 2011
2 339 500	2 608 000	1 904 200,70

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, invilopps, għamara tal-uffiċċini, prodotti għall-istamperija u għall-istudjows tar-riproduzzjoni, eċċ. kif ukoll l-ispejjeż ta' ġestjoni f'dan ir-rigward.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 15 000.

### **Artikolu 2 3 1 — Tariffi finanzjarji**

#### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Otturm 2011
75 000	170 000	324 549,04

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż bankarji (prijmjums, prijmjums ta' skambju, spejjeż diversi) u l-ispejjeż finanzjarji l-oħra, fosthom l-ispejjeż marbuta mal-iffinanzjar tal-bini.

### **Artikolu 2 3 2 — Spejjeż legali u ħsarat**

#### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Otturm 2011
1 714 000	1 314 000	1 316 614,30

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż li l-Parlament Ewropew jista' jiġi obligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Qorti Ġenerali, mit-Tribunal tal-Unjoni Ewropea tas-Servizz Ċivili jew mill-qrati nazzjonali,
- in-nefġiet għas-servizzi ta' avukati esterni li jirrappreżentaw lill-Parlament fit-Tribunali tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll in-nefġiet għas-servizzi ta' konsulenti legali jew esperti biex jgħinu fis-servizz legali,
- ir-rifużjoni ta' nefġiet għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinarji u simili,
- l-ispejjeż marbuta mal-ħsarat, l-imgħax kif ukoll id-djun imsemmija fl-Artikolu 8(3), tar-Regolament Finanzjarju.
- l-ammont ta' ħlasijiet approvati għal soluzzjoni ta' tilwimiet, skont l-applikazzjoni tal-Artikoli 69 u 70 tar-Regoli ta' Proċedura tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.



## **Artikolu 2 3 5 — Telekomunikazzjoni**

### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
7 421 000	7 441 000	4 612 355,49

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq marbut man-netwerks ta' trasmissjoni ta' dejta bejn it-tliet postijiet ta' ħidma, iċ-ċentri ta' dejta u l-uffiċji ta' informazzjoni kif ukoll dak li jirriżulta minn abbonamenti u spejjeż tal-komunikazzjoni (linja fissa u mowbajl, televiżjoni).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta' EUR 20 000.

## **Artikolu 2 3 6 — Servizzi postali u ta' ġarr**

### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
357 000	352 500	269 919,69

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali nazzjonali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

Hija wkoll maħsuba biex tkopri servizzi pprovduti fil-qasam tal-posta.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.

## **Artikolu 2 3 7 — Rilokazzjonijiet**

### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
1 100 000	950 000	686 445,84

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xogħol tar-rilokazzjoni u tal-manutenzjoni magħmula permezz ta' kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju pprovdut minn aġenziji esterni.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 40 000.

## **Artikolu 2 3 8 — Nefqiet amministrattivi oħra**

### *Figuri*

Baġit 2013	Appropriazzjonijiet 2012	Outturn 2011
561 500	784 500	538 111,85

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-assikurazzjonijiet li mhumiex stipulati b'mod speċifiku f'xi punt ieħor,
- ix-xiri u l-kura ta' lbies speċjali għall-ushers, għax-xufiera u għall-persuni li jaħdmu fil-ġarr u għall-istaff tas-servizz mediku u tas-servizz tekniku,
- spejjeż varji għall-operat u l-ġestjoni, xiri ta' proprjetà mobbli jew ta' servizzi mhux speċifikament previsti f'partita oħra,

— xiri varju marbut mal-attivitajiet tal-EMAS.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 50 000.

### Artikolu 2 3 9 — Skema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju

Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
1 064 000	950 000	

Kummenti

Hija maħsuba biex tkopri l-infiq marbut mal-possibilità ta' kumpens għall-emissjoni tal-karbonju, kif stipulat fil-pjan ta' azzjoni tal-iskema Komunitarja ta' Tregħija u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) adottat mill-Bureau.

## TITOLU 3 — IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

Figuri

Titulu Kapitulu	Intestatura	FF	Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
3 0	LAQGĦAT U KONFERENZI	5	37 580 010	38 072 350	32 807 760,36
3 2	L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI	5	134 254 011	111 117 836	92 059 311,79
<b>Titulu 3 — Total</b>			<b>171 834 021</b>	<b>149 190 186</b>	<b>124 867 072,15</b>

### KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

Figuri

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011	2011/2013
3 0	LAQGĦAT U KONFERENZI					
3 0 0	<i>Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol</i>	5.11	28 616 000	29 070 000	25 950 467,44	90,69 %
3 0 2	<i>Nefqiet għad-divertiment u għar-rappreżentazzjoni</i>	5.11	1 361 350	1 361 350	964 092,79	70,82 %
3 0 4	<i>Nefqiet varji għal laqgħat</i>					
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni	5.11	2 600 000	2 600 000	2 594 000,00	99,77 %
3 0 4 2	Laqgħat, kongressi u konferenzi	5.11	1 405 000	1 396 000	1 060 451,44	75,48 %
3 0 4 3	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-Assemblej Parlamentari	5.11	1 473 000	1 562 000	596 075,28	40,47 %
3 0 4 9	Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar	5.11	2 124 660	2 083 000	1 642 673,41	77,31 %
	<i>Artikolu 3 0 4 — Sub-total</i>		7 602 660	7 641 000	5 893 200,13	77,51 %
<b>Kapitolu 3 0 — Total</b>			<b>37 580 010</b>	<b>38 072 350</b>	<b>32 807 760,36</b>	<b>87,30 %</b>

### Artikolu 3 0 0 — Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol

Figuri

Baġit 2013	Approprijazzjonijiet 2012	Outturn 2011
28 616 000	29 070 000	25 950 467,44

## *Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tiegħu.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-ivvjaġġar magħmul mill-istaff tal-istituzzjoni u mill-esperti nazzjonali indipendenti jew minn apprendisti mill-post tal-impieg lejn xi wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, Lussemburgu u Strasburgu) u għal missjonijiet lejn kull post ieħor barra mit-tliet postijiet ta' xogħol. L-ispejjeż huma spejjeż tat-trasport, il-ħlas ta' allowances ta' kuljum, l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u l-allowances ta' kumpens għal xogħol li jsir barra l-ħinijiet normali. Spejjeż supplimentari (fosthom il-kanċellazzjoni ta' biljetti tat-trasport u ta' riżervazzjonijiet ta' lukandi, l-ispejjeż marbuta mas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika, l-ispejjeż marbuta mal-assikurazzjoni għall-missjonijiet) huma koperti wkoll.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1), punti (e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 100 000.

